Nru./No. 21,392
Prezz/Price
€11.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 14 ta' Frar, 2025
Friday, 14th February, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1801 - 1820
Government Notices ..... *1801 - 1820*

Avviżi tal-Pulizija ..... 1821 - 1827
Police Notices ..... *1821 - 1827*

Avviżi lill-Baħħara ..... 1827 - 1828
Notices to Mariners ..... *1827 - 1828*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 1828 - 1989
Employment Opportunities ..... *1828 - 1989*

Avviżi tal-Gvern ..... 1989 - 2010
Notices ..... *1989 - 2010*

Offerti ..... 2010 - 2021
Tenders ..... *2010 - 2021*

Avviżi tal-Qorti ..... 2021 - 2052
Court Notices ..... *2021 - 2052*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 252

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET (KAP. 563)

Ħatra tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 10(1) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, approvaw il-ħatra/ħatru il-persuni li ġejjin biex iservu fuq il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, u għandhom jibqgħu validi sal-14 ta' Frar, 2029.

Chairperson
Dott. John Vassallo

Viċi Chairperson
Dott. Ernest Azzopardi

Membri
Dott. Maria Cardona
Is-Sur Paul J Mifsud
Il-Perit Odette Lewis
Il-Perit Joseph Scalpello
Il-Perit Cleaven Tabone
Dott. Paula Axiak
Is-Sur Norman E. Grech
Onor. Alex Muscat
Onor. Stanley Zammit

Segretarja
Is-Sa Mylene k/a Milaine Portelli

L-14 ta' Frar, 2025

Nru. 253

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 127 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji.

L-14 ta' Frar 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 252

LANDS AUTHORITY ACT (CAP. 563)

Appointment of the Board of Governors of the Lands Authority

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 10(1) of the Lands Authority Act, the Prime Minister and the Minister for Lands and the Implementation of the Electoral Programme, have confirmed the appointment/appointed the following persons to serve on the Board of Governors of the Lands Authority, and shall remain valid till the 14th February, 2029.

Chairperson
Dr John Vassallo

Deputy Chairperson
Dr Ernest Azzopardi

Members
Dr Maria Cardona
Mr Paul J Mifsud
Perit Odette Lewis
Perit Joseph Scalpello
Perit Cleaven Tabone
Dr Paula Axiak
Mr Norman E. Grech
Hon. Alex Muscat
Hon. Stanley Zammit

Secretary
Ms Mylene k/a Milaine Portelli

14th February, 2025

No. 253

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 127 entitled the Various Financial Services Laws (Amendment) Act, 2025.

14th February, 2025

Nru. 254

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Bord għall-Iżvilupp ta' Ħiliet ta' Litteriżmu fil-Media

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatriet taċ-Chairperson, Membru u Segretarju tal-Bord għall-Iżvilupp ta' Ħiliet ta' Litteriżmu fil-Media.

Chairperson
Dott. Charles Cassar (minflok Dott. Alexander Farrugia)

Din il-ħatra hija valida b'seħħ mill-21 ta' Mejju, 2024 sat-22 ta' Awwissu, 2025.

Membru
Is-Sur Noel Cassar (minflok is-Sa Daniela Attard Bezzina)

Secretary
Dott. Abraham Camilleri Abela (minflok is-Sur Noel Cassar)

Dawn il-ħatriet huma validi b'seħħ mis-6 ta' Frar, 2025 sat-22 ta' Awwissu, 2025.

It-12 ta' Frar, 2025

Nru. 255

KONSLU ONORARJU TA' MALTA FI FREETOWN, IR-REPUBBLIKA TA' SIERRA LEONE

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sur Hassan Basma bħala Konslu Onorarju ta' Malta fi Freetown, ir-Repubblika ta' Sierra Leone.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li ġej:

85A Wilkinson Road,
Freetown,
Sierra Leone

Numru tat-telefown: +232 30771144
Indirizz Elettroniku: (maltaconsul.freetown@gov.mt)

L-14 ta' Frar, 2025

No. 254

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Media Literacy Development Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointments of the Chairperson, Member and Secretary of the Media Literacy Development Board.

Chairperson
Dr Charles Cassar (to substitute Dr Alexander Farrugia)

This appointment is with effect from the 21st May, 2024 until 22nd August, 2025.

Member
Mr Noel Cassar (to substitute Ms Daniela Attard Bezzina)

Secretary
Dr Abraham Camilleri Abela (to substitute Mr Noel Cassar)

These appointments are with effect from 6th February, 2025 until 22nd August, 2025.

12th February, 2025

No. 255

HONORARY CONSUL OF MALTA IN FREETOWN, REPUBLIC OF SIERRA LEONE

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Hassan Basma as Honorary Consul of Malta in Freetown, Sierra Leone.

The Honorary Consulate is situated at:

85A Wilkinson Road,
Freetown,
Sierra Leone

Telephone Number: +232 30771144
Email: (maltaconsul.freetown@gov.mt)

14th February, 2025

Nru. 256

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra ta' Membri għall-Malta International Contemporary Art Space

NGĦARRFUb b'din għall-informazzjoni ta' kulliħadd illi l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sa Joyce Dimech (biex tieħu post is-Sur Francis Sultana) bħala membru tal-Malta International Contemporary Art Space.

Din il-ħatra hija b'seħħ mill-20 ta' Jannar, 2025 sat-12 ta' Ġunju, 2025.

Is-6 ta' Frar, 2025

No. 256

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Malta International Contemporary Arts Space

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of Ms Joyce Dimech (to substitute Mr Francis Sultana) as a member of the Malta International Contemporary Arts Space.

This appointment is with effect as from the 20th January, 2025 until the 12th June, 2025.

6th February, 2025

Nru. 257

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Bord tal-Aġenzija tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulliħadd illi l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sa Tara Darmanin (biex tieħu post Katya Ancilleri) bħala membru tal-Bord tal-Aġenzija tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta.

Din il-ħatra hija b'seħħ mis-6 ta' Frar, 2025 sat-12 ta' Ġunju, 2025.

Is-7 ta' Frar, 2025

No. 257

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Agency for the Malta Philharmonic Orchestra Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of Ms Tara Darmanin (to substitute Katya Ancilleri) as member of the Agency for the Malta Philharmonic Orchestra Board.

This appointment is with effect as from the 6th February 2025 until the 12th June, 2025.

7th February, 2025

Nru. 258

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

Ħatra tal-Kumitat dwar il-Liċenzjar tal-Bennejja

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulliħadd illi, skont l-artikolu 5 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzja tal-Bennejja, L.S. 623,12, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lis-Sa Audrey Felice u lis-Sur Mark Aquilina bħala membri tal-Kumitat dwar il-Liċenzjar tal-Bennejja. Din il-ħatra hija valida għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mil-5 ta' Frar, 2025.

L-14 ta' Frar, 2025

No. 258

MINISTRY FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

Appointment of the Masons' Licensing Committee

IT is hereby notified for general information that, in accordance with article 5 of the Masons' License Regulations, S.L. 623.12, the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed Ms Audrey Felice and Mr Mark Aquilina as members of the Masons' Licensing Committee. This appointment is effective for a period of three (3) years as from 5th February, 2025.

14th February, 2025

Nru. 259

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI TAL-GVERN

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Il-Prof. Charmaine Gauci	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	17.2.2025 - 21.2.2025

L-14 ta' Frar, 2025

No. 259

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health and Active Ageing has approved the following acting appointment:

14th February, 2025

Nru. 260

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-10 ta' Frar, 2025.

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Ta' Sannat	Marie Josette Vella Magro

L-14 ta' Frar, 2025

No. 260

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from the 10th February, 2025.

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Ta' Sannat	Marie Josette Vella Magro

14th February, 2025

Nru. 261

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
14.2.2025	€89.386	€0.985

L-14 ta' Frar, 2025

No. 261

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

14th February, 2025

Nru. 262

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-regolamenti	Regoli tal-2025 li jemendaw ir-Regoli dwar Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja
Attività li għandha tiġi regolata	It-tifsira ta' "bejgħ kwalifikanti"
Entità responsabbli	Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta (MTCA)

2. Taqsira u l-isfond

Ir-Regoli tal-2025 li jemendaw ir-Regoli dwar Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regoli emendatorji", jemendaw ir-Regoli dwar Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja (L.S. 123.80) (L.S. 372.32) hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

Skont ir-regoli prinċipali, kwalunkwe prodott agrikolu kwalifikat derivat mill-biedja u minn attivitajiet agrikoli oħra huwa intaxxat b'rata ta' 3%. Din l-emenda se testendi l-eliġibbilta ta' dak li jikkostitwixxi "bejgħ kwalifikanti" taħt dawn ir-Regoli.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regoli emendatorji huma magħmula minn żewġ (2) regoli u jikkonsistu f'dan li ġej:

Regola 1: Titolu,bidu fis-seħħ u applikabbiltà.
Regola 2: Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

4. Kummentarju

Regola 2: Din l-emenda tipproponi li testendi l-eliġibilità ta' dak li jikkostitwixxi "bejgħ kwalifikanti" speċifikament minn bejgħ ta' frott frisk u,jew ħaxix frisk li jsir permezz tas-servizzi ta' sensal (pitkal) f'suq ċentrali ta' approvat għal bejgħ ta' prodotti agrikoli, kif imfissra fl-Att dwar l-Agrikoltura (Kap. 639), li huma prodotti, imkabbra, jew ikkoltivati f 'Malta li jsir permezz l-Aġenzija Malta Food.

5. Sezzjonjiet konklużivi

Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025 u għandhom japplikaw għal bejgħ li jsir fl-1 ta' Jannar, 2025 jew wara.

F'każ ta' mistoqsijiet, il-pubbliku ġenerali huwa mħeġġeġ li jikkuntattja lill-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta (MTCA) fuq l-153.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma konformi ma' u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

No. 262

MINISTRY FOR FINANCE

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of rules	Sale of Agricultural Produce (Amendment) Rules, 2025
Activity to be regulated	The definition of a "qualifying sale"
Responsible entity	Malta Tax and Customs Administration (MTCA)

2. Summary and background

The Sale of Agricultural Produce (Amendment) Rules, 2025, hereinafter referred to as the "amending rules", amend the Sale of Agricultural Produce Rules (S.L. 123.80) (S.L. 372.32), hereinafter referred to as the "principal rules".

Under the principal rules, any qualified agricultural produce derived from farming and other agricultural activities is taxed at source at 3%. This amendment shall extend the eligibility of what constitutes a 'qualifying sale' under the principal rules.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending rules are made up of two (2) rules and consist of the following:

Rule 1: Citation, commencement and applicability.
Rule 2: Amends rule 2 of the principal rules.

4. Commentary

Rule 2: This amendment proposes to extend the eligibility of what constitutes a 'qualifying sale,' specifically from a sale of fresh fruit and, or fresh vegetables made through the services of a broker (pitkal) at an approved marketing centre to a sale of agricultural products, as defined in the Agriculture Act (Cap. 639), that are produced, grown, or cultivated in Malta and made through the Malta Food Agency.

5. Concluding sections

These regulations shall be deemed to have come into force on 1st January 2025 and shall be applicable to sales made on or after 1st January, 2025.

In case of queries, the general public is encouraged to contact the Malta Tax and Customs Administration (MTCA) on 153.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

14th February, 2025

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

Nru. 263

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fil-Mosta, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 263

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Il-Mosta, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IL-MOSTA

TRIQ SAN ĠUŻEPP

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ġanni Chetcuti *Left side entering from Triq Ġanni Chetcuti*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ġanni Chetcuti *Right side entering from Triq Ġanni Chetcuti*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	1	Garaxx	2
Sit bla bini	3	Garaxx	4
Speranza Court	5	Kenn Imrammitna	6
Garaxx	7	Garaxx	8
Waterfalls	9	Garaxx	10
Garaxx	11	Shekina	12
Garaxx	13	Sit bla bini	14
Garaxx	15	Sit bla bini	16
Sunshine	17	Sit bla bini	18
Garaxx	19	Sit bla bini	20
Hedera	21	Sit bla bini	22
Garaxx	23	Sit bla bini	24
Daħla għall-garaxxijiet	25	Garaxx	26
Fiorella	27	Garaxx	28
Lake Side (Flettijiet)	29	Garaxx	30
Sit bla bini	31	Shelduck	32
Sit bla bini	33	Symphony	34
Garaxx	35	Garaxx	36
The Beatitudes	37	Lion's Cove	38
Garaxx	39	Valentine	40
7, Hestine	41	Awwista (Garaxx)	42
Shoveler	43	Aloha	44
Champs Elysees	45	Emerald Isle	46
Garaxx	47	Superga (Garaxx)	48
Garaxx	49	Bieb bla numru	50
Sit bla bini	51	Garaxx	52

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	53	Garaxx	54
Sit bla bini	55	12, Santa Maria Flats	56
Sit bla bini	57	Xcaret	58
Osprey (Flettijiet)	59	13, Anfield	60
Garaxx	61	Aquarius	62
Ashgrove Court	63	Daħla għall-garaxxijiet/Dolphin	64
Peprina	65	Sea Rose	66
Grada	67	14	68
Dwejra	69	Donna (Garaxx)	70
Sarbec Garage	71	Nid d'Amour	72
Il-Palma (Flettijiet)	73	Jade	74
Ta' Kiki	75	Garaxx	76
Charella Garage	77	Rhine Falls	78
Tagos	79	Garaxx	80
Gardenia	81	Lovebirds	82
Mifco Garage	83	Garaxx	84
Pippa	85	Aurora Court	86
Sit bla bini	87	2 (Garaxx)	88
Sit bla bini	89	Daħla għall-garaxxijiet	90
Sit bla bini	91	Bieb bla numru	92
Sit bla bini	93	19 (Flettijiet)	94
Garaxx	95	Bieb bla numru	96
On Air	97	Sit bla bini	98
Sun Valley Court	99	Sit bla bini	100
Avalon	101	Sit bla bini	102
Daħla għall-garaxxijiet	103	Sit bla bini	104
Cattleya	105	Ambrosiana	106
Esperanca A (Flettijiet)	107	Garaxx	108
Daħla għall-garaxxijiet	109	Garaxx	110
Nostro Nido	111	The Willows	112
Carm	113	Sit bla bini	114
Esperanca B (Flettijiet)	115	Sit bla bini	116
Our Nest	117	Sit bla bini	118
Garaxx	119	Sit bla bini	120
Garaxx	121	Sit bla bini	122
Strawberry Swing	123	Sit bla bini	124
Emmar Court (Flettijiet)	125	Sit bla bini	126
Springdale	127	Sit bla bini	128
Daħla għall-garaxxijiet	129	Garaxx	130
Maroson	131	Aries Court	132
Anfield	133	Stara Zagora	134

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
The Nook	135	Garaxx	136
Sit bla bini	137	Garaxx	138
Sit bla bini	139	Imrammtna	140
Honeycomb	141	Valleyside Court	142
Bieb bla numru	143	Caserta	144
Garaxx	145	Daħla għall-garaxxijiet	146
Garaxx	147	Sit bla bini	148
25 (Flettijiet)	149	Sit bla bini	150
Daħla għall-garaxxijiet	151	Sit bla bini	152
Peace & Quiet	153	Sit bla bini	154
27, Faithea	155	Garaxx	156
28 (Flettijiet)	157	Garaxx	158
Sweet Fruit	159	Garaxx	160
Daħla għall-garaxxijiet	161	Garaxx	162
Garaxx	163	Garaxx	164
Sit bla bini	165	Silver Lining	166
Sit bla bini	167	Girasol	168
Sit bla bini	169	Crianza	170
Sit bla bini	171	Sundew	172
Sit bla bini	173	Garaxx	174
Sit bla bini	175	Garaxx	176
Daħla għall-garaxxijiet	177	Garaxx	178
Val Gardena	179		
St Anne's Court	181		
Daħla għall-garaxxijiet	183		
Namek	185		
Carmel Court	187		
Daħla għall-garaxxijiet	189		
Bieb bla numru	191		
Bieb bla numru	193		
Bieb bla numru	195		
Daħla għall-garaxxijiet	197		
Stonesud (Ħanut)	199		
Pools & Spas (Ħanut)	201		
Garaxx	203		
Esperanza Court	205		
8 (Garaxx)	207		
Garaxx	209		
Valley View (Flettijiet)	211		

Nru. 264

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fil-wesgħa imsemmija f'Bubaqra, Iż-Żurrieq, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 264

NUMBERING OF DOORS AT BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned square at Bubaqra, Iż-Żurrieq, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

WESGĦA CLEMENT SCHEMBRI

Meta tidħol minn Triq in-Nigret
Entering from Triq in-Nigret

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Żerniq	1
Zenia	2
Zion	3
Garaxx	4
Ta' L-Azzarin	5

L-14 ta' Frar, 2025

14th February, 2025

Nru. 265

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MARSA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 208 tat-23 ta' Marzu, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Marsa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 265

NUMBERING OF DOORS AT IL-MARSA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 208 dated 23rd March, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Il-Marsa', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MARSA

2. TRIQ AZZOPARDI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Franġisk
Left side entering from Triq San Franġisk

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
61	67
Garaxx	69
85 (Garaxx)	71
87, St Rita	73

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Franġisk
Right side entering from Triq San Franġisk

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
67	67

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
69, Reggin Court (Block A, B, C & D)	**69**		
Daħla għall-garaxxijiet	**69A**		
71	**71**		
73, St Rita	73		

L-14 ta' Frar, 2025 14th February, 2025

Nru. 266

No. 266

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 656 tat-30 ta' Settembru, 1988, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Qormi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 656 dated 30th September, 1988, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Qormi', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

TRIQ IL-KBIRA

Meta tidħol minn Triq Kardinal Xiberras
Entering from Triq Kardinal Xiberras

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Għassa tal-Pulizija	117
Garaxx	118
Bieb bla numru	119
Bieb bla numru	120
Bieb bla numru	121
Bieb bla numru	122
Garaxx	123

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
117 (Għassa tal-Pulizija)	117
118, Orchid Court	**118**
The Corkscrew	**118A**
Garaxx	**118B**
Garaxx	**118C**
Santa Marija	**119**
Mistral (Flettijiet)	**119A**
Old Trafford	**119B**
Sunset Dreams	**120**
Ison (Flettijiet)	**120A**
Britcel	**120B**
Daħla għall-garaxxijiet	**120C**
Sit bla bini	**121**
122	122
123	123

Nru. 267

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN PAWL IL-BAĦAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 975 tas-17 ta' Awwissu, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Pawl il-Baħar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 267

NUMBERING OF DOORS AT SAN PAWL IL-BAĦAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 975 dated 17th August, 2018, under the title 'Numbering of doors at San Pawl il-Baħar', the following amendments in **bold** should be made.

SAN PAWL IL-BAĦAR

2. TRIQ IL-PORZJUNKULA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Qawra

Left side entering from Triq il-Qawra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Qawra

Right side entering from Triq il-Qawra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	22
Sit bla bini	24
Sit bla bini	26
Sit bla bini	28
Sit bla bini	30
Garaxx	32
Spring Blossom	34

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
22 (Daħla għall-garaxxijiet)	22
Bieb bla numru	**26**
Bieb bla numru	**28**
Bieb bla numru	**30**
32 (Garaxx)	32
34, Spring Blossom	34

** In-numru 24 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament.*

L-14 ta' Frar, 2025

14th February, 2025

Nru. 268

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 632 tas-27 ta' Awwissu, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Siġġiewi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 268

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 632 dated 27th August, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Is-Siġġiewi', the following amendments in **bold** should be made.

IS-SIĠĠIEWI

14. TRIQ GASPARE PACE

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ġmiel il-Widien

Left side entering from Triq Ġmiel il-Widien

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ġmiel il-Widien

Right side entering from Triq Ġmiel il-Widien

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
20, Korros	2

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	4
		Bieb tal-ġenb	6
		21	8
		Garaxx	10
		22, Perla	12
		Garaxx	14
		23, Qronfla	16

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		2, Korros	2
		4 (Garaxx)	4
		6 (Bieb tal-ġenb)	6
		Bieb bla numru (Flettijiet)	**8**
		Bieb bla numru	**10**
		Daħla għall-garaxxijiet	**10A**
		12, Perla Court (Flettijiet)	**12**
		Bieb bla numru	**14**
		Daħla għall-garaxxijiet	**14A**
		16, Qronfla	16

L-14 ta' Frar, 2025

Nru. 269

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 681 tat-23 ta' Mejju, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Bubaqra, Iż-Żurrieq', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

14th February, 2025

No. 269

NUMBERING OF DOORS AT BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 681 dated 23rd May, 2023, under the title 'Numbering of doors at Bubaqra, Iż-Żurrieq', the following amendment in **bold** should be made.

BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

1. TRIQ BUBAQRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Misraħ Santa Marija

Left side entering from Misraħ Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Misraħ Santa Marija

Right side entering from Misraħ Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4	4
Sit bla bini	6
Sit bla bini	8
10, Charmaine Court	10
Arzella	10A
12, Dyonisius Apartments	12

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		4	4
		6, Our Haven	**6**
		Sit bla bini	8
		10, Charmaine Court	10
		10A	10A
		12, Dyonisius Apartments	12

L-14 ta' Frar, 2025

14th February, 2025

Nru. 270

No. 270

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIR-RABAT(M)

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 824 tad-29 ta' Settembru, 2006, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fir-Rabat', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT IR-RABAT(M)

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 824 dated 29th September, 2006, under the title 'Renumbering of doors at Ir-Rabat', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

IR-RABAT(M)

3. TRIQ IL-MITĦNA

Emendi – ***Amendments***

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Bir il-Ljun

Left side entering from Triq Bir il-Ljun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	15
Sit bla bini	17
Sit bla bini	19
Sit bla bini	21
Sit bla bini	23
Sagra Familia	25
Garaxx	27
Bini qed jinbena	29
Garaxx	31

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Bir il-Ljun

Right side entering from Triq Bir il-Ljun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
15 (Garaxx)	15		
Garaxx	**17**		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**19**		
Garaxx	**21**		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
25, Sagra Familja (Flettijiet)	**25**		
25B	**27**		
29	29		
31	31		

** In-numru 23 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament.*

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru	6

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Doris	**8**

L-14 ta' Frar, 2025 14th February, 2025

Nru. 271 **No. 271**

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

NUMBERING OF DOORS AT BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

Kjarifika

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 811 tat-23 ta' Lulju, 2004, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żurrieq', għandha ssir din il-kjarifika kif indikata b'tipi **grassi**.

Clarification

WITH reference to Government Notice No. 811 dated 23rd July, 2004, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żurrieq', the following clarification in **bold** should be made.

BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

26. TRIQ ISOUARD XUEREB

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Arċipriet E. Mifsud

Left side entering from Triq l-Arċipriet E. Mifsud

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Arċipriet E. Mifsud

Right side entering from Triq l-Arċipriet E. Mifsud

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Flettijiet)	28

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Casita (Dar)	28

Nru. 272

UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA

Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rapreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rapreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

Vol. 2/G0128/2025: Jean-Yves, de Sainte Croix de la Sabliere (UK)

Lewn Ikħal, salib erminjett bil-burduri (fimbriated) lewn id-Deheb bejn erba fleur-de-lys lewn il-Fidda kull waħda imdaħħla (enfiling) ġewwa kuruna żgħira lewn id-Deheb Fuq it-tarka tinsab kuruna ta' Baruni li minnha ħiereġ elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Ikħal minn fuq u lewn id-Deheb minn taħt li għandu bħala Kresta, minn ġewwa kuruna ta' Kresta lewn id-Deheb, falkun bil-ġwienaħ miftuħa bi ġnieġel lewn Ikħal ma saqajh, bil-kuruna fuq rasu w li qed iżomm fid-dwiefer tas-sieq Dexter Klessidra (Arloġġ tar-Ramel) lewn id-Deheb filwaqt li fid-dwiefer tas-sieq Sinister iżomm fleur-de-lys lewn il-Fidda.

Bħala Sostenituri, żewġ iljuni kombattenti lewn id-Deheb bid-dwiefer tal-istess lewn u bl-ilsien Aħmar.

MOTTO: PER CRUCEM TRIUMPHANS

Badge

Falkun bil-ġwienaħ miftuħa bi ġnieġel lewn Ikħal ma saqajh, bid-dwiefer u l-ilsien ta' lewn Aħmar taħt kuruna ta' baruni w fuq parċmina mrembla (escroll) li ġġorr l-motto Per Crucem Triumphans.

Vol. 2/G0131/2025: Jay Geoffrey De Graaf (Australia)

Żieda mal-Vol.1/G0042/2022

Per fess lewn Aħmar u Ikħal, fiċ-Chief nofs ċerva rampanti ta' lewn Naturali bil-qrun u d-dwiefer ta' saqajha lewn id-

No. 272

OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA

Heraldry and Genealogy Regulations

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

Vol. 2/G0128/2025: Jean-Yves, de Sainte Croix de la Sabliere (UK)

Azure a cross ermine fimbriated Or between four fleur-de-lys Argent, each enfiling a coronet Or. Above the shield lies a baronial coronet issuant from which is a helm befitting his degree with mantling Azure doubled Or bearing for a crest, out of a crest coronet Or, a falcon displayed belled Azure, crowned and holding in the dexter claws an hour glass Or and in the sinister claws a fleur de lys Argent.

For Supporters, two lions combattant Or armed of the Same and langued Gules.

MOTTO: PER CRUCEM TRIUMPHANS

Badge

A falcon displayed and belled Azure armed and langued Gules below a baronial coronet and above an escroll bearing the motto Per Crucem Triumpha.

Vol. 2/G0131/2025: Jay Geoffrey De Graaf (Australia)

Augmentation to Vol.1/G0042/2022

Per fess Gules and Azure in chief a demi-stag rampant proper attired and unguled Or below at chief dexter a

Deheb taħt fiċ-Chief tan naħa Dexter Salib ta' Malta lewn il-Fidda u fil-bażi stilla ta' sebgħa' ponot tal-istess lewn.

Il-kuruna ta' nobbli titqiegħed fuq it-tarka u fuq elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Aħmar u lewn il-Fidda minn taħt, u fuq girlanda tal-istess ilwien hemm bħala Kresta nofs iljun ta' lewn Aħmar rampanti liebes kuruna bl-ilsien u d-dwiefer tal-istess lewn, u b'dembu erett u li qed iżomm l-fuq lanza ta' lewn Iswed li minnha qed jittajjar pennun b'demb ta' ħuttafa b'disinn kollu mqaret (lozengy) Ħomor u lewn il-Fidda.

Motto: PER AQUAS AD FUTURUM

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta' Malta

L-14 ta' Frar, 2025

Nru. 273

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIEN hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

L-14 ta' Frar, 2025
(File No. L/63/1973)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birkirkara:

Fondi Nri. 197 u 198 fi Sqaq Nru. 1, Triq l-Imsida, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetá ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi tterminata biex tintuża b' konnessjoni mal-Kulleġġ ta' Santa Tereża.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. 2024_1271, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo, LLD
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-6 ta' Frar, 2025

Maltese Cross Argent and in base a mullet of seven points of the Same.

The coronet of a noble lies atop the shield and upon a helm befitting his degree with mantling Gules doubled Argent and on a wreath of the liveries is set for crest a crowned demi lion rampant Gules langued and armed of the Same, its tail erect and holding aloft a lance Sable from which flies a swallow-tailed pennon lozengy Gules and Argent.

Motto: PER AQUAS AD FUTURUM

Dr Charles A. Gauci
Chief Herald of Arms of Malta

14th February, 2025

No. 273

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

14th February, 2025

Description of the Land

The following land at Birkirkara:

Premises Nos. 197 and 198 in Alley No. 1, Triq l-Imsida, bounded on the North by a public road, on the South and West by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being terminated for use in connection with the Santa Tereża College.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2024_1271, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo, LLD
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

6th February, 2025

Nru. 274

REVOKA TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ta' terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Lulju, 2014, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 706, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

L-14 ta' Frar, 2025
(File No. A/393/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Mosta:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,010 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Wara talba mibgħuta mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija fil-Mosta m'għadhiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra t-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Lulju, 2014, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 706 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta S.P SMOSTA_ZOKRIJA_A393_97A, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-12 ta' Frar, 2025

No. 274

REVOCATION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration issued by the Lands Authority of a termination published in the Government Gazette of the 18th July, 2014, under Government Notice No. 706 limitedly for the land mentioned below.

14th February, 2025

Description of the Land

The following land in Mosta:

A plot of land measuring about 2,010 square metres, bounded on the North West by a public road and on the South West and North East by Government property or more precise boundaries.

After a request was sent by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, it is being declared that the abovementioned land in Mosta is no longer required and so this revocation is being made by which the termination published in the Government Gazette of the 18th July, 2014, under Government Notice No. 706 mentioned above is being revoked.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan S.P SMOSTA_ZOKRIJA_A393_97A, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

12th February, 2025

Nru. 275

REVOKA TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ta' terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Lulju, 2014, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 707, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

L-14 ta' Frar, 2025
(File No. A/393/1997)

No. 275

REVOCATION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration issued by the Lands Authority of a termination published in the Government Gazette of the 18th July, 2014, under Government Notice No. 707 limitedly for the land mentioned below.

14th February, 2025

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Mosta:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,910 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Wara talba mibgħuta mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija fil-Mosta m'għadhiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra t-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Lulju, 2014, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 707 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta S.P SMOSTA_ZOKRIJA_A393_97B, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-12 ta' Frar, 2025

Description of the Land

The following land in Mosta:

A plot of land measuring about 2,910 square metres, bounded on the North, North West and South West by Government property or more precise boundaries.

After a request was sent by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, it is being declared that the abovementioned land in Mosta is no longer required and so this revocation is being made by which the termination published in the Government Gazette of the 18th July, 2014, under Government Notice No. 707 mentioned above is being revoked.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan S.P SMOSTA_ZOKRIJA_A393_97B, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

12th February, 2025

Nru. 276

REVOKA TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ta' terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' April, 2021, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 470, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

L-14 ta' Frar, 2025
(File No. A/4747/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 20,530 metri kwadri, li tmiss mill-Punent, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Wara talba mibgħuta mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija f'San Pawl il-Baħar m'għadhiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra t-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' April, 2021, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 470 hawn fuq imsemmija.

No. 276

REVOCATION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration issued by the Lands Authority of a termination published in the Government Gazette of the 9th April, 2021, under Government Notice No. 470 limitedly for the land mentioned below.

14th February, 2025

Description of the Land

The following land in San Pawl il-Baħar:

A plot of land measuring about 20,530 square metres, bounded on the West, South and East by Government property or more precise boundaries.

After a request was sent by the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change, it is being declared that the abovementioned land in San Pawl il-Baħar is no longer required and so this revocation is being made by which the termination published in the Government Gazette of the 9th April, 2021, under Government Notice No. 470 mentioned above is being revoked.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D nru. 2020_0811, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-12 ta' Frar, 2025

The abovementioned land is shown delineated with the colour blue on plan P.D no. 2020_0811, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

12th February, 2025

Nru. 277

AKKWIST TA' ART

PROKLAMA TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI bl-artikolu 71 skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta, huwa pprovdut illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara b'avviż illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' clearance jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

L-14 ta' Frar, 2025
(File No. L/438/2024)

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 71 tal-imsemmija Att, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fiż-Żejtun:

L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka ta' madwar 650 metri twila, b'3.5 metru wiesgħa u b'14 metri fond u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, liema biċċa art tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' diversi proprjetajiet ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija mmarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 2024_1242, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-11 ta' Frar, 2025

No. 277

ACQUISITION OF LAND

PROCLAMATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the provisions of section 71 in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta, the Board of Governors of the Lands Authority can for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

14th February, 2025

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 71 of the mentioned Act, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land in Żejtun:

The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench about 650 metres long, 3.5 metres wide and 1.4 metres deep and laying of services for an indefinite period, which plot of land is bounded on the North, on the East and West by various properties of unknown owners or more precise boundaries.

The above-mentioned land is shown marked with the colour red on plan P.D. 2024_1242, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

11th February, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 26

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Frar, 2025, mis-7.00 a.m. sas-1.30 p.m., minn Triq Alessio Erardi (ħdejn il-knisja ta' Sant'Andrija).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Frar, 2025

POLICE NOTICE

No. 26

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 16th February, 2025, from 7.00 a.m. to 1.30 p.m., through Triq Alessio Erardi (near Sant'Andrija church).

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

14th February, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 27

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ta' Xbiex

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Marzu, 2025, mill-4.00 a.m. sad-9.00 a.m., mix-xatt ta' Ta' Xbiex (iż-żewġ spazji ta' parkeġġ ħdejn il-Black Pearl).

Għajn Tuffieħa

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Marzu, 2025, mill-5.30 a.m. sat-8.00 a.m., minn Triq Għajn Tuffieħa.

In-Naxxar

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' April, 2025, mis-1.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira, Triq is-Salib, Triq l-Imdina, Triq il-Ġdida, Triq tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Triq Żenqa u Triq Santa Luċija;

POLICE NOTICE

No. 27

